31989R1458

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1458/89

tas-26 ta' Mejju 1989

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1963/79 li jesiġi regoli ddettaljati għall-applikar ta' rifużjoni tal -produzjoni ta' żejt taż-żebbuġa użat fil-manifattura ta' ċertu ikel ippriservat.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Nru 136/66/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif tal-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1225/89 ([2]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 591/79 tas-26 ta' Marzu 1979 li jesiġi reġoli dettaljati li jikkonċernaw ir-rifużjoni tal-produzzjoni għal żjut taż-żebbuġa użati fil-manifattura ta' ċertu ikel ippriservat ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3788/1999 ([4]), u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu;

Billi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 20 a tar-Regolament Nru 136/66/KEE, żejt taż-żebbuġa għall-manifattura ta' ħut u ħxejjex ippreservati jikwalifika għal rifużjoni tal-produzzjoni; billi dawk ir-rifużjonijiet għandhom jgħinu biex li min jirċievi jkun jista jixtri żejt taż-żebbuġa mis-suq tal-Komunità bi prezzijiet li jkunu qrib dawk applikabbli fis-suq dinji; billi, għal dak il-għan, ir-rifużjoni tal-produzzjoni għandha tkun iffissata fuq il-bażi tal-komponent varjabbli tal-imposta tal-importazzjoni fuq iż-żejt akkwistat bir-raffinar ta' żejt taż-żebbuġa verġni;

Billi d-dispożizzjonijiet għall-għoti tar-rifużjoni tal-produzzjoni huma meħtieġa fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1963/79 ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 393/87 ([6]);

Billi l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall irriżultat f'kalkolazzjonijiet varjabbli tar-rifużjoni tal-produzzjoni billi jittieħed akkont partikolarment tad-differenzi fil-livelli tal-prezzijiet; billi, biex jgħamlu tajjeb għal dawk id-differenzi fil-prezzijiet, ammonti kumpensatorji tal-adeżjoni kienu ġew introdotti; billi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 4 ta' Regolament (EEC) Nru 591/79, ir-rifondi tal-produzjoni għandhom ikunu korreġuti għal Spanja u l-Portugallb'ammont kompensatorju tal-adeżjoni applikabbli għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi f'kull wieħed minn dawn l-Istati Membri;

Billi, bis-saħħa tar- Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 296/86 ([7]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1981/88 ([8]), huwa possibbli li jkunu applikati arranġamenti għall-ipproċessar 'il ġewwa fil-kummerċ bejn l-Istati Membri ġodda u bejn dawn ta' l-aħħar u l-Istati Membri l-oħra;

Billi, meta żejt taż-żebbuġa prodott fil-Komunità u wżat fil-manifattura ta' certu ikel priservat ikun poġġut għall-arranġamenti ta' proċessar 'il ġewwa sabiex żejt bħal dak ikun jista jakkwista rifużjoni tal-produzzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-ipproċessar, ir-rifużjoni tal-produzzjoni għandhom ikunu ikkoreġuti bl-ammont kompensatorju tal-adeżjoni li fuqu ma tkun inġabret imposta; billi dan għandu jkun muri ċar u r-Regolament (KEE) Nru 1963/79 ikun emendat kif xieraq;

Billi l-miżuri li hemm dispożizzjonijiet dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-Żjut u Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 4 a li ġej huwa b'hekk miżjud fir-Regolament (KEE) Nru 1963/79:

"*L-Artikolu 4a*

F'dak li għandu x'jaqsam ma żejt prodott fil-Komunità, ir-rifużjoni tal-produzzjoni għal ċertu ikel ippriservat, meta żejt taż-żebbuġa inkorporat ikun poġġut għall-arranġamenti ta' proċessar 'il ġewwa, għandu jkun korreġut bl-ammonu kompensantorju tal-adeżjoni li ma jkun ġie suġġett għall-imposta."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol b'effett fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

([1]) ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
([2]) ĠU L 128, tal-11.5.1989, p. 15.
([3]) ĠU L 78, tat-30.3.1979, p. 2.
([4]) ĠU L 367, tal-31.12.1985, p. 1.
([5]) ĠU L 227, tad-9.9.1979, p. 1.
([6]) ĠU L 40, ta' l-10.2.1987, p. 9.
([7]) ĠU L 36, tat-12.2.1986, p. 5.
([8]) ĠU L 174, tas-6.7.1988, p. 28.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Mejju 1989.

Għall-Kummissjoni
Ray MAC SHARRY
Membru tal-Kummissjoni